



IL-ĠIMGħA EWROPEA GĦALL-ĦILIET VOKAZZJONALI



2019

Sett ta' għodod tal-midja soċjali

#DiscoverYourTalent

*Impiegji,
affarrijet soċjali
u inklużjoni*



Dwar dan is-sett ta' għodod tal-midja soċjali

Dan is-sett ta' għodod tal-midja soċjali jipprovdi riżorsi u gwida biex jappoġġjaw lill-partijiet ikkonċernati u lis-sħab fil-promozzjoni tal-Ġimġha Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2019 u fil-**komunikazzjoni tal-benefiċċji tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali** (ETV) madwar l-Ewropa fuq il-midja soċjali. Int tista' tipparteċipa billi tuża l-midja soċjali bil-modi li ġejjin:

- ▶ **Aqsam il-materjali tal-kampanja.**
- ▶ **Segwi l-pjattaformi tal-kampanja,** aqsam kontenut u uża l-hashtags tal-kampanja elenkti f'dan id-dokument.
- ▶ **Xerred il-kelma f'avvenimenti,** inkluż ittwitjar live.

Aqra sabiex issib suġġerimenti u pariri dwar il-pubblikazzjoni ta' kontenut fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali bħal Facebook u Twitter, inklużi posts lesti u links għal riżorsi ta' kampanji li tista' tuża.



Dwar il-kampanja tal-Ġimġha Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali

Il-Ġimġha Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali hija inizjattiva mill-Kummissjoni Ewropea biex titqajjem kuxjenza dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u biex dawn isiru aktar attraenti. **Il-Ġimġha għandha l-għan li tagħmel l-ETV propożizzjoni aktar attraenti, u a li tgħin iż-żgħażaq u lill-adulti jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.** L-avvenimenti li jsiru madwar l-Ewropa kollha – fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali – se juru l-opportunitajiet kbar offruti mill-ETV għaż-żgħażaq, għall-adulti u għall-kumpaniji.

Ir-raba' edizzjoni tal-Ġimġha se tiġi organizzata bejn l-14 u t-18 ta' Ottubru 2019 f'Helsinki. **L-avvenimenti u l-attivitàajiet organizzati bejn April u Diċembru 2019 fl-Istati Membri tal-UE, fiż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati tal-UE jistgħu jiġu assoċjati mal-Ġimġha** – nagħtu spinta lir-rikonoximent u lill-viżżeppi tħalli tal-organizzazzjoni.

Il-motto tal-inizjattiva huwa "Skopri t-Talent Tiegħek!". Dan ifittek li juri li kull persuna għandha talent, u li l-ETV jista' jipprovdi lin-nies bil-ħiliet prattiċi neċċessarji, bl-ġharfien u bil-kompetenzi biex jirnexxu fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġeneral. **It-tema ta' din is-sena hija "l-ETV għal KULĦADD – Ħiliet għall-Ħajja"** u l-Ġimġha se tkun qed tiffoka fuq l-aspetti inklużivi u ta' tul il-ħajja tal-ETV.



Il-hashtags tal-kampanja

Taħt l-islogan tal-kampanja "Skopri t-Talent Tiegħek", il-hashtags ewlenin:

- 👉 **#EUVocationalSkills:** għandhom jintużaw għal kontenut immirat lejn il-partijiet ikkonċernati u l-multiplikaturi
- 👉 **#DiscoverYourTalent:** għandhom jintużaw għal kontenut ġenerali mmirat lejn udjenza fil-mira usa'

Jekk jogħġibok inkludi dawn il-hashtags fi kwalunkwe kontenut rilevanti li tipproduċi, minħabba li dawn jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-komunità usa' ta' partijet interessati jinteraqxu mal-kontenut tiegħek u jagħtu spinta lill-viżibbiltà tiegħu.



Kif tinvolvi ruħek fil-Ġimgħa per-mezz tal-midja soċjali

1. Segwina

Segwi l-kanali uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-midja soċjali sabiex iżżomm ruħek aġġornat bl-aktar aħbarijiet, avvenimenti u diskussionijiet riċenti rigward il-Ġimgħa.



Twitter

@EU_Social

@EuropeanYouthEU



Facebook

@SocialEurope

@EuropeanYouthEU



LinkedIn

linkedin.com/company/european-commission



Instagram

@europeancommission

2. Aqsam il-materjali tal-kampanja

Aħna pproduċejna firxa ta' **riżorsi tal-kampanja għall-Ġimgħa**, li jinkludu settijiet ta' għodod, studji tal-każ, dettalji ta' avvenimenti li se jittellgħu, viżwali ta' marki u aktar. Il-Kummissjoni Ewropea se taqsam dawn flimkien ma' kontenut regolari dwar il-Ġimgħa u int tista' tagħmel l-istess.

3. Oħloq il-kontenut tiegħek stess

L-aħjar kontenut huwa uniku u mfassal għalik u għall-organizzazzjoni tiegħek. **Il-ħolqien tal-kontenut tiegħek stess huwa mod effettiv biex tippromwovi l-kontribuzzjonijiet tiegħek stess, kif ukoll biex tqajjem kuxjenza dwar il-Ġimgħa u tilħaq gruppi tal-partijiet ikkonċernati.** Dan jgħin biex jiġi promossi d-diversi avvenimenti li jkunu se jittellgħu u jħeġġeġ lil ħaddieħor jipparteċipa.

L-użu konsistenti ta' hashtags uffiċjali kemm fil-kontenut bil-miktub tiegħek kif ukoll f'dak viżiv jgħin biex ittejjeb ir-riċerkabbiltà u l-viżibbiltà tal-posts tiegħek.

Li żżid emojis, filtri u stampi live minn avveniment rilevanti huwa mod mill-aqwa biex iżżejjid l-involviment tal-udjenza matul il-Ġimgħa. Ftakar biex dejjem **iżżomm il-kontenut tiegħek xieraq għall-kuntest** u itlob permess mingħand kwalunkwe individwu li jidher fir-ritratti u l-kontenut.

4. Uża viżwali

Immaġnijiet, vidjows u GIFs jistgħu jtejbu l-effettività tal-kontenut tiegħek billi jżidu l-probabbiltà li l-messaġġ tiegħek jasal għand l-udjenza tiegħek. Billi tagħmel il-kontenut tiegħek aktar viżibbli, dan jista' jtejjeb ukoll il-probabbiltà li l-udjenza tiegħek tinteraġixxi mal-posts tiegħek jew tirrispondi għal kwalunkwe sejħa għal azzjoni (ikklikkja hawn/irregġistra, eċċ.).

Bħalissa l-GIFs huma partikolarmen popolari u jinvolvu animazzjoni qasira u li tiġbed l-attenzjoni li normalment tintwera awtomatikament fuq il-feed tan-nies biex jiġi żgurat li tingħid id-attenzjoni lejha. **Hemm għadd ta' għodod online sempliċi li tista' tuża biex toħloq GIFs,** bħal Tenor jew EZGif. Giphy hija għażla oħra tajba, u fiha tista' ssib waħda mill-akbar kollezzjonijiet ta' GIFs online. Inkella, tista' tuża GIFs lesti. Il-biċċa l-kbira tal-kanali tal-midja soċjali, inkluż Facebook u Twitter, għandhom opzjonijiet tat-tiftix tal-GIFs inkorporati fihom, jew tista' ssib GIFs biex taqsam jew tniżżeż minn fuq Google Images (hemm opzjoni biex tiffiltra GIFs minflok immaġnijiet, iżda ċċekkja l-permessi tal-qsim rigward dan).

Il-pubblikazzjoni ta' filmat minn avvenimenti huwa wkoll mod tajjeb ħafna biex tippromwovi l-avveniment, il-Ġimgħa u l-ETV tiegħek, u xi ħaġa differenti mill-immaġnijiet statiċi tas-soltu. **Uża l-is-mart phone tiegħek biex tirregġistra film u ttellegħu** fuq il-kanal tal-midja soċjali tal-għażla tiegħek. Hija idea tajba li tagħmel xi verifikasi qabel tibda tifilmja – pereżempju, id-dawl tajjeb biżżejjed? – sabiex tiżgura li l-filmat li tkun qed tieħu jkun ta' kwalità tajba.

5. Mur live

Fl-era tal-kontenut istantanju, **Snapchat, Instagram Stories u Facebook Live huma modi effettivi biex tilħaq l-udjenzi ewlenin.** Billi fl-istrateġija tal-kontenut tiegħek tinkorpora Facebook u Instagram Live, se tipprovd sors uniku u fil-ħin reali tal-kontenut lill-ispettaturi tiegħek

Huwa rrakkomandat li tippjana l-kontenut live tiegħek bħalma kieku tagħmel għal kull

ħaġa oħra. Filwaqt li l-istrimjar live għandu l-benefiċċju li jipprovdi kontenut awtentiku, mhux editjat u mhux iffiltrat, **xorta jeħtieġ li jkun hemm pjan ta' azzjoni biex timmassimizza l-effettività tiegħu.**



Posts kampjun

Hawnhekk tista' ssib xi eżempji ta' kontenut għall-midja soċjali li int tista' **taqsam fuq il-kanali tiegħek** sabiex tgħin fil-promozzjoni tal-Ġimgħa Ewropea għall-ħiliet Vokazzjonali u kwalunkwe attivitā rilevanti li tista' tkun involut fiha.

Aħna qed intellgħu avveniment għall-Ġimgħa Ewropea għall-ħiliet Vokazzjonali 2019! Skopri aktar dwar avvenimenti u attivitajiet rilevanti tat-Tagħlim għall-Adulti fil-[PAJJIŻNA] hawnhekk: [#EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent #AdultLearning](https://ec.europa.eu/social/vocational-skills-week/your-country_en)

INT tista' tispira lil organizzazzjonijiet u lil studenti adulti oħra billi taqsam l-istorja tiegħek bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-ħiliet Vokazzjonali! Issottometti l-istorja tiegħek hawn ➡ [#EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent](https://ec.europa.eu/social/vocational-skills-week/share-your-story_en)

Qed tippjana biex tavanza fil-karriera tiegħek? #Skopri t-talent tiegħek b'taħriġ edukattiv vokazzjonali għall-istudenti adulti u għal dawk li jitilqu kmieni mill-iskola #DiscoverYourTalent. L-ETV huwa mod tajjeb ħafna biex tibdel il-perkors tal-karriera, ittejjeb il-ħiliet, titħarreġ mill-ġdid jew tmidd il-pass li jmiss. Skopri aktar hawn ➡ [#EUVocationalSkills](https://ec.europa.eu/social/vocational-skills-week/)

Tixtieq tinvolvi ruħek fil-Ġimgħa tal-UE għall-ħiliet Vokazzjonali 2019? Ipparteċipa billi tivvota fil-Premijiet għall-Ēċċellenza fl-ETV 2019, billi taqsam l-istorja dwar l-ETV tiegħek, jew tattendi kwalunkwe avveniment li jkun se jittella' matul is-sena madwar l-Ewropa ➡ <https://ec.europa.eu/social/vocational-skills-week/>



L-aqwa suġġerimenti għall-kontenut:

- Inkludi **link għal sit web**, bħall-paċċa tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħejjiet Vokazzjonali, sabiex tiprovd aktar informazzjoni lin-nies li huma interessati.
- Itteggja kontijiet tat-Twitter rilevanti oħra** f'posts billi tuża "@" u mbagħad tittajpja l-isem tal-kont. Dan jiżgura li jaraw il-kontenut tiegħek, li jheġġi ġiġi jinteraqixxu miegħu filwaqt li jiġbed l-attenzjoni tal-udjenza tagħhom lejh.
- Waħħal it-tweets** fuq nett tal-feed tiegħek sabiex tiżgura viżibbiltà kontinwa.
- Wieġeb għal, jew **interaqixxi ma' kontenut ieħor** li jużà l-hashtags tal-kampanji #DiscoverYourTalent u/jew #EUVocationalSkills.
- Wieġeb għal kummenti** jew tweġibet għall-kontenut tiegħek.
- Uża** għodod **ta' skedar awtomatiċi** bħal TweetDeck jew Hootsuite, sabiex tippjana kontenut soċċali online minn qabel biex tiżgura promozzjoni tal-kampanja regolari.
- Ospita attivitajiet live** permezz ta' Facebook, Twitter jew YouTube. Dawn jistgħu jkunu mod effettiv ta' komunikazzjoni mal-udjenza fil-mira tiegħek fil-ħin reali, mingħajr il-bżonn li jkollok tkollas biex torganizza avveniment fiżiku



L-aħjar prassi tal-midja soċċali

1. Aġġorna l-profil tiegħek

Mod tajjeb ħafna biex turi l-appoġġ tiegħek għall-Ġimgħa huwa **billi tinkorpora sentenza qasira fil-profil ta' Facebook, Twitter u Instagram tiegħek biex tenfasizza l-involvement tiegħek**. Int tista' tibdel ukoll ir-ritratt tal-profil tiegħek biex turi l-appoġġ tiegħek. Hawn taħt tista' tara żewġ eżempji mill-Ġimgħa tas-sena l-oħra. Fuq ix-xellug hemm ġaddiem tal-karità minn Malta, u fuq il-lemin, imprenditur mill-Irlanda. It-tnejn juru approċċi differenti biex isemmu l-istatus tagħhom ta' Ambaxxatur għall-Ġimgħa Ewropea għall-Ħejjiet Vokazzjonali, b'wieħed jiffoka fuqha biss u l-oħra tinkludiha flimkien mal-bijografijsa tas-soltu tagħha.

Eżempju:



VETAmb_MT
@VETAmb_MT

Elaine Pavia has been appointed as Malta's Ambassador for the 2018 European Vocational Skills Week.

📍 Malta



Margaret Reilly
@Marggranddesign

Drogheda woman & 🇮🇪 Ambassador Apprenticeships 2018 , loves to work at designing & manufacturing of kitchen & bedroom furniture. A design for living 🌈

📍 Louth, Ireland

2. Tippubblika fl-aħjar ħinijiet

L-aħjar ħinijiet biex tippubblika fuq il-kanali soċjali jidhru hawn taħt:



Facebook:

Bejn 12:00 u t-15:00, it-Tnejn, I-Erbgħa, il-Ħamis, u I-Ġimgħa.



Instagram:

Bejn is-14:00 u t-15:00, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.



Twitter:

Bejn 12:00 u t-15:00, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.



LinkedIn:

7:45, 10:45, 12:45, u l-17:45, mit-Tnejn sal-Ħamis

3. Kif Timpenja ruħek b'mod effettiv ma' ħaddieħor

Wieħed mill-aktar beneficiċċi sinifikanti tal-midja soċjali huwa li jagħti lill-udjenza tiegħek l-opportunità li tinteraġixxi miegħek, u int magħha. Dawn huma xi suġġerimenti biex tisfrutta dan bl-aħjar mod possibbli:



L-aqwa suġġerimenti għall-involviment:

- Dejjem itteggja meta applikabbli. Meta tagħmel referenza għal kumpanija jew organizzazzjoni partikolari, dejjem ivverifika li jkunu preżenti fuq il-midja soċjali u tteggjahom. Dan ifisser li dawn ikunu jistgħu jaraw il-kontenut tiegħek u jagħżlu jekk jixxerjawhx jew iwiġbu għalihi. B'dan il-mod, il-messaġġ tiegħek isir aktar vižibbi għall-udjenza tagħhom kif ukoll għal tiegħek.
- Agħmel użu minn hashtags rilevanti. Kun żgur li l-kontenut tiegħek jiġi nnat fl-aktar mumenti xierqa u inkorpora hashtags popolari/tal-mument li jkunu rilevanti għalik.
- Wieġeb għall-mistoqsijiet malajr. Huwa vitali li twieġeb għal kummenti u messaġġi malajr. Li twieġeb fi żmien 24 siegħa jindika li int preżenti u li għandek tweġibet lesti (eż-żejjha għal mistoqsijiet dwar avvenimenti spċċi).
- Ikkummenta u aqsam/erġa' ttwitja kontenut mill-komunità tiegħek. Ibbenefika minn tismijiet jew kummenti fuq il-feed tiegħek. Dawn huma opportunitajiet mill-aqwa għalik biex tinteraġixxi lura u tibni relazzjonijiet li jistgħu jiġi żviluppati aktar fil-futur.
- Ibda diskussjoni. Twitter, Facebook u Instagram għandhom l-opzjoni biex toħloq l-istħarriġ ta' opinjoni tiegħek. Int tista' tistaqsi mistoqsija lill-komunità tiegħek biex iż-żid l-involviment u tuża r-riżultati biex tedukahom jew tiprovd sejħa għal azzjoni.

Dawn huma xi eżempji ta' mistoqsijiet ta' stħarriġ, eż-żejjha biex tibda diskussjoni:

INSTAGRAM

Mistoqsija: Liema hu l-aħjar perkors għal karriera fl-inġinerijs?

Tweġibiet: A = Lawrja akademika

B = Apprendistat

TWITTER


Mistoqsija: Li kieku kellek tibda karriera fi kwalunkwe suġġett vokazzjonali, liema tagħżel?

Tweġibiet: 1. Speċjalista tal-kompjuter

2. Iż-ġenista tas-snien

3. Plamer

Eżempji ta' stħarriġiet soċjali



A screenshot of a Twitter poll from the account '@Airbnb'. The poll asks: 'The long weekend starts now. What are your plans? #AirbnbLongWeekend'. The results are: 20% Lounging beachside, 16% Playing in the snow, 36% Exploring the city, and 28% Relaxing countryside. There were 617 votes.

A screenshot of a Facebook post from the account '@Starbucks'. The post asks: 'Starbucks Coffee Company What's your usual order?'. The results are: 49% Short and sweet, 36% Probably 5-7 words, and 15% I have needs, people!. The post was made 24 minutes ago and has 2,267 likes and 1,660 comments.



Oħloq netwerk ma' pari

Jekk qed tirreġistra avveniment jew attività tal-ETV bħala parti mill-Ġimgħa, int mistieden tissieħeb fi grupp esklużiv ta' Facebook, fejn tkun tista' **taqsam I-aħjar prassi ma' profesjonisti oħra tal-ETV** f'organizzazzjonijiet oħra madwar l-Ewropa. Din hija l-opportunità perfetta biex tiċċelebra l-proċessi ta' suċċess tiegħek jew tfittex appoġġ u pariri. Il-kontenut u l-materjali tal-midja mill-avvenimenti, bħal ritratti, sommarji u preżentazzjonijiet, jiġu maqsuma wkoll fuq dan il-kanal.



Aqsam I-istorja tiegħek

Mod tajjeb ħafna biex tippromwovi l-benefiċċji tal-iskemi ta' taħriġ tal-ETV huwa li **taqsam I-esperjenza tiegħek dwar I-ETV** u thegħżeġ lin-nies fin-netwerk tiegħek biex jaqsmu l-istejjer tagħhom ukoll. Kemm jekk huma nfushom ikunu rċevew taħriġ dwar I-ETV, kif ukoll jekk jipprovdhu, dejjem huwa ta' benefiċċju li wieħed jisma' I-esperjenza mingħand dik il-persuna li tkun għaddiet minnha stess. Huma jistgħu jagħmlu dan billi jissottomettu I-istorja tagħhom bl-Ingliż jew bil-lingwa tagħhom, permezz tas-sit web tal-kampanja.

L-aktar stejjer ta' ispirazzjoni se jidhru fil-bullettin ta' kull xahar tagħna u jiġu promossi fuq il-kanali tal-midja soċjali tagħna, u b'hekk jipprovdvi viżibbiltà addizzjonal iilek u lill-organizzazzjoni tiegħek.



Ikkuntattjana

Aħna pjaċir tagħna li ngħinuk rigward kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok dwar l-attivitàjet tal-midja soċjali tiegħek.

Email: info@vocationalskillsweek.eu

Telefawn: +44 (0)207 444 4264

Twitter: @EU_social, @EuropeanYouthEU, #EUVocationalSkills, #DiscoverYourTalent

Facebook: @socialeurope, @EuropeanYouthEU